MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru 794/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Versus**

**Raymond Mallia.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedodtti kontra Raymond Mallia ta' 46 sena, bin Joseph u Rita nee Briffa, imwieled tal-Pieta' fit-23 ta' Mejju 1961 u li joqħgod f'Santa Marija Flat 4 Triq mons Innoċenz Zammit, Imsida. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 343961 (M).

Akkużat talli fl-24 ta' Settembru 2007 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li saru b'riżoluzzjoni waħda:

a) irċieva minn għand xi ħadd ieħor  jew kiseb minn għand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħata,lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess mil-Liġi.  (Artikoli 18 u 298C tal-Kap 9).

b) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil ħadd ieħor biża' li se tintuża vjonenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendneti, aħwa subien jw bniet jew xi eprsuan oħra msemmija fl-artikolu 222(1)tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) U b'hekk sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru defintitivi u ma jsitgħux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet biex tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

Rat l-atti kollha tal-proċess  inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 3439 tal-1961, il-fedian penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 22) u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Raymond Mallia' tas-sena 2004(fol 31) id-dikjarazzjoni tad-difiża li bih eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar l-istqarrija kif ukoll dwar ir-reċediva, u l-fedina updated ta'  John Glenn Debattista a fol 59.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni ċertu Glenn Debattista kien għamel rapport għand il-Pulizija fejn spjega li kien għamel ċertu żmien vittam tal-użura. Huwa kien issellef Lm1350 minn għand l-imputat u dan talbu Lm3000 in return. Għal dawn it-tlitt elef lira Mallia kien ġiegħel lil Debattista jiffirma 10 kambjali ta' Lm300 kull waħda. Fil-kontro-eżami l-Ispttur Ian Joseph Debattista xehed li kein jaf lil dan Glenn Debattista minħabba lid an kien businessman bil-karozzi u kellu xi kawżi quddiem il-Qorti minħabba mmexxija mill-Economic Crimes Unit. (Fol 27). Dan l-Aħħar kellu kawżi fejn irraporta nies dwar self bl-użura.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat, meta kien mistoqsi jekk jafx lil Glenn Debattista, għażel li ma jweġibx. Filfatt huwa ma wieġeb għall-ebda mistoqsija li saret sussegwentement.

Glenn Debattista xehed fid-29 t'Ottubru, 2008. Huwa qal li issa kien irranġa (fol 42). Huwa qal li kien issellef flus minn għand l-imputat u dawn ir-rati kienu :

*'Daqsxejn waħda għoljin'*

Ix-xhud qal li kien issellef Lm1500 u l-imputat ried lura Lm3000. Għall-preċiżjoni, ix-xhud qal:

'Min għalija jekk mhxu sejjer żball Lm3000'

Il-pagamenti kienu kambjali. Dawn kienu xi tliet mija jew erba' mija fix-xahar. (fol 44). Fiż-żmien ta' meta xehed, ix-xhud kien qed iħallas lill-imputat. Kienu rranġaw is-somma, naqqsu l-imgħax għax kein hemm żball dapart tax-xhud li

*'l-oħrajn fuq ta' qabel' (fol 44).*

Huwa kien issellef minn għand l-imputat xi tlieta jew erba' darbiet u kien issellef Lm600, Lm400, u Lm200. L-imputat daqqa żammlu Lm100, daqqa Lm150 u daqqa Lm200. Iżda dejjem irranġaw. Għas-self tal-Lm1500 fl-aħħar lill-imputat kien ser jagħtih Lm3000. Il-pagamenti

kienu ta’ tliet mija fix-xahar. (fol 45). Fi żmien għaxar xhur kien ser jagħti lill-imputat Lm3000.

Ix-xhud kien għad baqagħlu jagħtih minn self ieħor u kienu rranġaw. Dwar dawn l-Lm1500 kienu għamluhom bl-interessi ta’ 8%.

Meta kien riprodott Glenn Debattista qal li huwa kien ħa minn għand l-imputat Lm1500 u kien ser itih tlitt elef (fol 48). Imbagħad kien irriżulta li kien hemm djun oħra mal-imputat u rranġaw. Kienu ammonti iżgħar u imbagħad rranġaw l-ammont u għamluhom bit-8%.

**Xhieda tal-imputat.**

L-imputat xehed li Glenn Debattista mar jibki għandu għal Lm3000 minħabba li dan Glenn Debattista allega li bintu kellha bżonn tagħmel operazzjoni. Huwa beża’ jagħtihomlu iżda wara qallu biex ma jħabbilx rasu għax hu (Glenn Debattista) kellu pleġġ il-Qorti ta’ Lm3000 u ma’ dan il-pleġġ kellu bail ta’ Lm3000 u kein ser idawwarhom fuq isem l-imputat. U allura qallu biex idawruhom fuq isem l-imputat basta x-xogħol isir bl-avukat. Huma kienu dawru l-bail u l-imputat tah Lm3000. Biss kien jonqos karta ġuramentata biex jiġbed il-pleġġ għax x’ħin ra li Glenn Debattista ma kienx ser jagħtih il-flus lura l-imputat mar biex jiġbed il-pleġġ. Il-flus kien għadu ma ħadhomx sa llum. Glenn Debattista kien iwegħdu li ser jagħtihomlu u s’issa ma kien tah xejn.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-imputat huwa principalment akkużat bir-reat ikkontemplat taħt l-artikolu 29c(1) tal-Kap 9. L-elementi ta’ dan l-artikolu huma:

(a) Wegħda minn għand persuna;

(b) Ta’ korrispettiv ogħla minn dak permess mil-Liġi;

(ċ) Għal xi self, imgħax jew qligħ.

Mill-provi jirriżulta li l-imputat sellef lil Glenn Debattista xi flus.

L-ammont mogħti mill-Prosekuzzjoni huwa ta' Lm1350 waqt li Glenn Debabattista  semma l-figura ta' Lm1500.

Biss, meta xehed l-imputat, daqqa irrefera għal dawn l-Lm1500 u f'mumenti oħra ssemma self ieħor ta' Lm600, Lm400, u Lm200.

Ir-rapport jidher li sar fuq Lm1500 biss.    U Glenn Debattista qal li r-rati kienu *'daqsxejn waħda għoljin.'  (fol 43).*

Jekk dan ix-xhud kellu jaħgti Lm3000 f'għaxar xhur, (kambjali ta' tliet mija kull xahar) dan ikun ifisser Lm1500 imgħax.  Dan huwa żgur aktar minn dak permess mil-Liġi għax flok imgħax ta' Lm120 biss waqt li l-imputat kien ser jieħu Lm1500 f'imgħax fi żmien għaxar xhur biss jew Lm1800 fi tnax-il xahar jew 120% fis-sena.

Biss wara dawn il-kalkoli hemm xi ftit tad-dubju għal dawn ir-raġunijiet:

(a) Fuqhiex kien qed jiġi kkalkolat l-interess – fuq Lm1500 jew fuq is-self ta' qabel ukoll li semma x-xhud stess.  Jekk fil-każ is-self kollu kien jammonta għal Lm2700 li bejn wieħed u ieħor kien jagħti imgħax ta' Lm216 (bit-8%) skond il-parametri tal-Liġi jekk ikopri sena waħda biss. Iżda s-self l-ieħor ma nafux meta kien sar għax dati għal dawn l-ammonti ma ngħatawx.

(b) It-tieni problema hija kwistjoni ta' dati.  L-imputazzjoni tirreferi għall-'24 ta' Settemrbu 2007 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel '.  Iżda **meta s**ar is-self: kemm dak ta' Lm1500 kif ukoll is-self ta' somom iżgħar li allegatament saru qabel?

(ċ) X’kien it-terminu eżatt biex jitħallas l-imgħax? Hemm evidenza ċara li l-imputat sellef lil Glenn Debattista Lm1500 u j li dawn kellhom jitħallsu fi żmien għaxar xhur għas-somma ta’ Lm3000 jew lanqas dan il-punt ma ħareġ kif suppost fi proċess ġudizzjarju? Il-kambjali, li għalihom jirreferi x-xhud, għalxiex saru – għal self wieħed jew għal kollox?

(d) Meta xehed Glenn Debattista, dan ried jagħti l-Qorti x’tifhem li l-affarijiet kienu rranġaw billi hu kien ‘nesa’ s-self ta’ qabel. L-impressjoni li ħadet il-Qorti kienet li x-x-xhud kien għamel arranġament u issa ried li jintensa kollox minkejja li kien għamel ir-rapport Glenn Debattista nnifsu. **Għalhekk flok ma ngħataw dettalji ċari ta’ dati, ammonti u żmien għall-ħlas sabiex il-Qorti tkun tista’ tagħmel konklużjonijiet fuq bażi sodi, ingħatat stampa xejn preċiża.**

**(e) Lanqas ix-xhieda ma ta l-imputat ma tgħin għaliex waqt li qal li hu ried jiġbed pleġġ ta’ tlitt elef lira Maltija, skond il-ftehim li kellu ma’ Glenn Debattista, imkien ma qal x’kien il-kapital li hu sellef lil Glenn Debattista.**

**Il-Qorti qed tiddeċiedi li għalkemm hemm suspetti kbar li l-ammont ta’ imgħax li kien dovut lill-imputat minn għand Glenn Debattista kien jiżboq dak li hu permess mil-Liġi, minħabba nuqqas ta’ dettalji preċiżi, jibqa’ dubju li ser imur favur l-imputat. Għalhekk qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.**

Dwar it-tieni imputazzjoni m’hemm ebda prova li l-imputat beżża’ lil Glenn Debattista jew xi axxendenti jew dixxendenti tal-istess. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni wkoll.

Konsegwentement il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49 u 50. 298C(1) u 251B tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni dedotta kontrih.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------